Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

L-Ġimgħa, 14 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.18am

## 04.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

04.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

04.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tielet Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

04.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 04.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

04.3.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li kellu laqgħa ma Infrastructure Malta fejn ġew diskussi x-xogħolijiet li kellhom isiru fir-rigward tal-*gutte*r ħdejn il-*horse shelter* fejn ġie nfurmat li dan ix-xogħol ser isir sa' l-aħħar ta' Ottubru kif ukoll fuq il-pavimentar ġewwa l-Mdina fejn kien nfurmat li x-xogħol ser jinqasam f'zewġ fazijiet f'Novembru u Jannar ta' l-2025.

04.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillera Maryann Sultana attendew laqgħa mal-President tar- Reġjn Punent fejn prezenti ukoll kien hemm l-Arcipriet tal-Konkatridal ta' L-Mdina. It- tema diskussa kienet rigward l-attivitajiet tal-Milied li ser isir nhar it- 18 ta' Diċembru 2024. Għal dawn l-attivitajiet, ir- Reġjun ser jalloka għaxart elef ewro.

04.3.3 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ix-xogħolijiet fuq l-installazzjoni ta' CCTV cameras fi Gnien Howard ser jibdew fl-aħħar ta' Otuubru 2024.

**Is- Sindku talab li tiġi sospiza temporanjament il-laqgħa biex jiddiskutu fuq materja ta' ċertu urġenza wara l-kummenti li għoġbu jikteb is- Sindku tar- Rabat fuq Facebook "People who like or live in Rabat" fuq l-istat ta' Howard Gardens li skond huwa fi stat ħazin. Prezenti kien hawn il-contracts manager.**

## 04.4 Rapport Finanzjarju minn April sa Ġunju 2024

04.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn April sa Ġunju 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

04.4.1 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

Il-Viċi Sindku talab li jiġi skuzat mill-laqgħa peress li kellu appuntament urġenti. Il-Kunsill approva.

**04.5 Permessi għad-dħul ta' Vetturi ġewwa l-Mdina**

04.5.1 Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill peress li kien ser ikun nieqes il-Viċi Sindku għal din id-diskussjoni.

**04.6 Ilmenti u items oħrata' xogħol ieħor tal-Kunsill**

04.6.1 Kwotazzjoni Traffic Management survey- Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni mill-Perit tal-Kunsill biex isir survey rigward traffic management għad- daħla prinċipali ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill approva.

04.6.2 Artisan Market- talba biex tittella' Artisan Market fi Pjazza tas- Sur. Il-Kunsill ma approvax.

04.6.3 Transport Malta- Komunikat lill- Kunsill Lokali dwar ħruġ ta' permessi skond L.S. 441.04.

**04.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

04.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 13 ta' Settembru 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 19,812.40

04.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**04.8 Tmiem tal- Laqgħa**

04.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.45am u ġiet aġġornata għat-14 ta' Ottubru 2024 fit-3pm.

FFIRMATI

______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

______________________

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___14 ta' Ottubru 2024__